MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 385/2004

**United Acceptances Finance Ltd.**

**vs**

**Edgar Joseph Portelli et.**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema is-socjeta’ attrici talbet l-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett t’elef, tmien mija u tmienja u tmenin Liri Maltin [Lm3,888.] import ta’ kambjali ffirmati u accettati mill-konvenuti, kopji ta’ liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala Dok ‘1’ sa ‘24’, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gejtu nterpellati sabiex thallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali

kontra l-konvenuti li jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontestaw it-talbiet attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur s-somma mitluba  fl-avviz ta’ tlett elf, tmien mija, tmienja u tmenin lira maltin (Lm3888), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------